**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**George Galea**

**Kumpilazzjoni Numru**: 774/10

**Illum, 23 ta' Settembru, 2019**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi fil-konfront tal-imputat George Galea karta tal-identita' numru 499671M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-04 ta'

April 2010 ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' filghodu (03:15a.m.) gewwa Escobar li jinsab fi Triq Santa Rita, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Malcolm Delia.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika, b'ghajjat u bil-glied;

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hadmu jew kien impjegat bhala gwardjani privati minghajr licenzja ta' l-awtorita kompetenti.

Il-Qorti giet mitluba li f'kas ta' htija titratta ma l-akkuzat bhala recidiv.

Il-Qorti giet mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Malcolm Delia jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati

b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi iffisata mill-Qorti.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotta kontrih;

Rat l-atti kollha tal-proceduri inkluz in-nota tal-Avukat Generali fejn huwa ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju minn din il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat feriti gravi mill-imputat fuq il-parte civile Malcolm Delia fl-istabbiliment *Escobar* li jinsab fi Triq Santa Rita, Paceville nhar l-erbgha (4) ta' April elfejn u ghaxra (2010).

Semghet ix-xhieda fosthom il-parte civile <u>Malcolm Delia</u> li fis-seduta tad-disgha (9) ta' Mejju elfejn u hdax (2011) xehed bil-

gurament u qal illi huwa kien gewwa l-istabbiliment *Escobar* ma' Roberta Farrugia, Jorden Delia u certa Rachel fejn dan qal li kienu wara l-*bar* u dan il-*bar* ma kien hemm hadd warajh. Huma riedu jixorbu xi *drinks* u ddecidew li Jorden Delia jmur wara dan il-*bar* u jgib dawn id-*drinks* ghalihom. Huwa jghid li f'daqqa wahda gie l-imputat u xejjirlu daqqa ta' ponn minghajr ma' dan kellmu. Dan jghid illi dan gara waqt li dan Jorden kien barra l-*bar* bil-flus f'idu biex joffrihom lill-imputat meta ghal xi raguni dan xejjer daqqa ta' ponn lil Delia.

Ix-xhud ikompli jghid illi huwa mar il-*Polyclinic* ghall-feriti li garrab u dawn gew iccertifikati bhala griehi hfief izda wara mar ghand it-tabib Stephen Spiteri u ccertifikahomlu bhala griehi gravi stante li kienu fil-wicc (Dok. MD1, TM2 u TM3). Huwa jispjega illi *"bid-daqqa ta' ponn tefghuni fit-toilet, ma nafx kif spiccajt fit-toilet".* Jghid ukoll illi *"hbadt mal-art, bis-sieq, bil-ponn, bdejt nahbat rasi mat-toilet u hekk. . . . Imbaghad giet it-tfajla Roberta Farrugia u ntefghet quddiemu qaltlu "Sawwat, sawwat lili ha wkoll".* Wara jghid li gie mbuttat minn *security* tal-post 'il barra. Il-parte civile gharaf lill-imputat u jghid illi jahseb li kien is-sid tal-post.

Semghet ukoll ix-xhud **Roberta Farrugia** fejn iddeskriviet l-incident bhala li sehh fis-saghtejn ta' filghodu (2.00 a.m.) u tghid li meta Jorden gab id-*drinks* ghal kulhadd u meta dawn kienu qed jixorbu f'daqqa u l-hin gie l-imputat u dahhal lil Malcolm Delia dewwa t-*toilet* u tah daqqa. Hija tispecifika li d-daqqa tahielu wara li dahhlu fit-*toilet* u mhux qabel. Hija tghid ukoll illi hija dahlet fit-*toilet* u rat lill-imputat jaghti daqqiet ta' sieq u bl-idejn. Hija mbaghad qalet ukoll illi qabel ma ddahhal fit-*toilet* Delia nghata d-daqqa ta' ponn mill-imputat u tghid ukoll li kienu gew xi *securities*. Hija tghid illi qabel ma qala' d-daqqa ta' ponn ma ntqal l-ebda kliem bejn il-partijiet.

Xehed ukoll **Jorden Delia** fejn spjega kif mar igib id-*drinks* minn wara l-*bar* li kien vojt fejn Malcolm ghollielu l-bieba u hu dahal igibhom bil-patt illi jibqghu jistennew lil-*barman* sabiex ihallsuh. Dan jghid ukoll illi f'daqqa wahda gie persuna rqiqa u twila ghalih u x-xhud fil-pront tah ghoxrin ewro (€20) fejn dan hadhielu. Gie wara wkoll l-imputat u minnufih xejjer daqqtejn ta' ponn lil Malcolm Delia u baqa' jkaxkru got-*toilet* imbaghad tefghuh 'il barra u ghalhekk ma jafx x'gara izjed.

<u>**Rachel Zammit**</u>, persuna ohra li kienet mal-parte civile Malcolm Delia xehdet illi wara li hadu d-*drinks* huma *"Qaghdna hemm kekk pero' f'daqqa u l-hin gew nies, ma nafx jekk hux Securities jew barmen, Jordon ta' twenty (20) Euros lil wiehed minnhom u ezatt nara lil Malcolm jaqla' daqqa xebgha u qaxqruh lejn it-toilets".* Hija gharfet lill-imputat bhala dik il-persuna li taghat ix-xebgha u mieghu kien hemm madwar hamsa (5) jew sitt (6) *securities* fejn dawn qalulhom sabiex johorgu b'mod edukat. Hija tghid li hi u Jordon hargu barra jistennew lil Roberta u lil Malcolm li meta dawn hargu Malcolm kellu d-demm ma' wiccu. Wara tghid li marru l-*Clinic* sabiex jiddewwa Malcolm u mbaghad wara marru jaghmlu rapport l-ghassa San Giljan.

Rat is-sentenzi li pprezentat il-prosekuzzjoni inkwantu ghall-addebitu tar-recidiva (Dok. TM10 u TM11).

Semghet ix-xhieda tad-difiza fejn fl-ewwel lok xehed l-imputat <u>**George Galea**</u> fejn huwa meta ra lil xi nies jiehdulu d-*drinks* u baghat li xi *securities* biex imorru jiccekkjaw minn fejn kienu gabuhom u hu mar maghhom. Huwa jghid li dawn qalulu li kienu diga' hallsu ghaliex qalulu li kien hemm wahda wara l-*bar* li kienet

ghalqet li dan ma kienx veru ghaliex dak il-*bar* kien ilu maghluq. Wara dan jghid illi dawn in-nies ma riedux ihallsu mbaghad is-*securities* qabduhom u tefghuhom 'il barra. Dan jghid ukoll illi jiftakar li wiehed minn dawn in-nies qabad flixkun u kien ser jaghmel ghas-*security* u mbaghad qam *panic* shih u ma jiftakarx izjed x'gara. L-imputat ikkonferma li huwa kien is-sid tal-post.

Xehdet ukoll provi difiza **<u>Monica Agius</u>** fejn din kienet qed tahdem bhala mpjegata gewwa l-*Escobar* dakinhar tal-incident fejn hija rat li kien hemm zewg persuni li dahlu wara wiehed mill-*bars* li kien maghluq u hadu xi *Vodka Breezers*. Hija tghid li maghhom kien hemm zewg tfajliet li pero' baqghu barra l-*bar.* X'hin mar l-imputat ma xi *securities* biex johorguhom 'il barra hija tghid li dawn in-nies bdew iwaddbu l-*istools* imbaghad kellhom jigu aktar *securities* biex johorguhom 'il barra. Tiftakar li wiehed minnhom kellu flixkun wara dahru lest biex jaghtih u b'hekk inqalghet il-kommossjoni. Hija tiftakar li wiehed minn dawn il-guvintur li kien wegga'.

Xehed ukoll **<u>Raymond Sciberras</u>** li jahdem fl-istabbiliment ta' faccata ta' *Escobar* fejn dan intervjena ghaliex kumbinazzjoni kien

hemmhekk u jghid li ra li l-imputat lemah xi nies li kienu hadu xi *drinks* minn *bar* li kien maghluq u marru xi *securities* u dawn gew fl-idejn. Ix-xhud ma setghax jaghti aktar informazzjoni ghaliex peress li hu ma kienx jahdem hemm huwa rega' mar fl-istabbiliment fejn kien jahdem. Pero' dak li seta' jiftakar hu li wiehed mis-*securities* kien xi daqsxejn goff ma' dawn in-nies izda li l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn mal-griehi subiti mill-parte civile.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri jispikkaw fin-nuqqas kbira ta' ko-erenza bejn ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u dawk tad-difiza fejn gew impingija zewg verzjonijiet kompletament differenti tal-fatti. Ghaldaqstant huwa ovvju li verzjoni minnhom hi dik li ghandha mis-sewwa.

Illi min-naha l-wahda l-verzjoni tal-parte civile tqanqal diversi dubji u dan ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok il-verzjonijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni ossija l-erba' (4) membri tal-grupp ta' Malcolm Delia ma tawx verzjoni identika tal-minuti qabel ma'

nqalghet l-allegat glieda. Min qal li wiehed biss mar wara l-*bar* u min qal li z-zewg irgiel. Min semma' l-flus u min l-anqas semmihom. Ix-xhieda ta' Roberta Farrugia kienet ukoll konfuza ghaliex mill-ewwel hija qalet li d-daqqa ta' ponn inghatat mill-imputat lil Delia fit-*toilet* izda wara in kontroezami qalet li din inghatat qabel minghajr ma ggustifikat ruhha ghaliex kienet qalet hekk fl-ewwel lok.

Illi punt iehor li jqanqal dubju hu li meta Jorden u Rachel hargu barra wara li allegatament gew mitluba biex johorgu u wara l-allegat daqqa ta' ponn il-ghaliex ma cemplux immedjatament il-pulizija meta kienu jafu ben tajjeb li l-habib taghhom baqa' hemm gew midrub u ma setghux jafu x'aktar kien ser jigrilu. Kien wara li dan hareg barra mal-gharusa tieghu u wara li marru l-klinika li huma marru jaghmlu rapport.

A rigward il-griehi subiti mill-parte civile Malcolm Delia, ic-certifikati taz-zewg tobba juru li l-griehi kienu kollha kkoncentrati fuq in-naha tar-ras tal-istess parte civile u minn imkien ma jsemmu li kien hemm xi griehi ohra bhal tbengil f'partijiet ohra ta' gismu. Dan qed jinghad ghaliex xi xhieda tal-prosekuzzjoni qalu

li l-imputat allegatament beda jaghtih bis-sieq meta dan kien mixhut mal-art u ghalhekk u li kieku gara hekk bil-fors kien ikun hemm dawn il-griehi.

Finalment il-parte civile Malcolm Delia, fix-xhieda tieghu, u meta kien qed jirrakonta l-mument tal-allegat aggressjoni beda biex jippreciza illi l-griehi li kellu ghamilhomlu l-imputat izda meta kompla jixhed dejjem xehed fil-plural u ghalhekk ta x'jifhem illi kien hemm nies ohra involuti.

Dan jikkombacja mal-verzjoni tal-imputat li vermament kien hemm kommossjoni izda din kienet bejn xi *securities* u l-parte civile u siehbu. Hija inverosimili li l-imputat mar b'habta u sabta, minghajr hadd ma kellmu hekk kif qal il-parte civile u qabad u ta daqqa ta' ponn lilu meta fir-realta' kien siehbu Jordan li kien wara l-bar. Tali verzjoni tal-parte civile u shabu ma taghmilx sens.

Inoltre ma taghmilx l-anqas sens illi l-imputat, qua sid tal-post; jiehu s-sitwazzjoni f'idejh hekk kif pingiha l-parte civile minflok ma jibghat is-*securities* hekk kif isir fil-*clubs* kollha.

Finalment, il-verzjoni tal-imputat kienet ikkorroborata mix-xhieda l-ohra prodotti li anke jekk ma iddentifikawx il-hadd li seta' ta d-daqqa ta' ponn lill-parte civile, ezoneraw kompletament lill-imputat li fatti li taw lok ghall-akkuzi.

Ghaldaqstant din il-Qorti thoss illi l-aktar verzjoni kredibbli hija dik esposta mid-difiza u cioe' li l-imputat ma kienx is-suggett attiv ta' tali aggressjoni.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **George Galea** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minn kull akkuza u piena li setghet giet inflitta.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**